**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 23 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Lara Butters**

**Spettur Mark Mercieca**

**Vs**

**Donald Theuma**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Donald Theuma, 39 sena, bin Emanuel u Mary nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Mejju, 1976, residenti fil-fond 9, Sqaq Sant' Antnin, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 253376M;

Talli fis-26 ta' Marzu, 2016, gewwa Triq Oscar Zammit, Msida f'xi hin filghodu:

1) Ikkommetta serq minn gewwa vetturi HBL 786 t'ghamla Peugeot li hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u anka bil-valur, li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94euro) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37euro);

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel hsara volontarja li tammonta ghal somma ta’ 120.36euro fil-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HBL 786 propjeta ta’ Ivan Micallef;

3) Talli fl-istess data, f’dawn il-Gzejjer, f’diversi hinijiet tal-gurnata kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra atorizzat li jimmanifattura, jew li jorni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir –regolamenti msemmija;

4) Talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar is-26 ta’ Marzu, 2016, mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Imsida certu certu Ivan Micallef, kuntrattur privat mal-Melita. Dan qal li aktar kmieni dakinhar, kien halla l-vann tieghu msakkar fi Triq Oscar Zammit, Msida, waqt li kien qed jaghmel xoghol ta’ installazzjoni ta’ servizzi f’residenza privata, meta lemah persuna maskili iqalleb fil-vann tieghu, li wara ftit harab minn fuq il-post. Ma genb l-istess van kien hemm vettura ta’ lewn ahmar bin-numru ABQ-304 u fiha kien hemm zewg persuni, wiehed minnhom l-imputat. F’dik il-vettura kien

hemm ukoll diversi oggetti li kienu ghadhom kemm insterqu mill-vann ta' Micallef, izda dawn gew ritornati minnufih. Hekk kif ra hekk, l-imputat qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn, hareg minn dik il-vettura u beda miexi 'l hemm. F'idejh kellu basket iswed. Micallef qallu biex jieqaf u fittixlu fil-basket, u nduna li kien hemm zewg 'mobile phones' godda tad-ditta Samsung li wkoll kienu ghadhom kemm gew misruqa mill-vann tieghu. Dawn gew ritornati minnufih. Il-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u arrestaw lill-imputat u hadulu stqarrija. L-imputat qal li ma kienx jaf li fil-basket kellu zewg 'mobile phones', izda qal li hu kien rikeb ma' zewg persuni dakinhar u fil-pront is-sewwieq waqqaf il-vettura hdejn il-vann ta' Micallef, kisser it-tieqa tal-genb, sgassa l-vann u beda jitfa' l-affarjiet fil-vettura. Aktarx, ighid l-imputat, li zewg kaxxi waqghu fil-basket u sabu ruhhom hemm minghajr ma kien jaf.

Mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat kien jaf ezatt x'inhu jigri meta insterqu l-oggetti mill-vann ta' Micallef, u ma waqghu ebda kaxxi ta' 'mobile phones' godda bi zball fil-basket tieghu. Dan hu anke kkorroborat minn Stefan Cutajar, il-persuna li kienet qed issuq il-vettura ABQ-304. Hu xehed li Theuma rikeb mieghu u mat-tfajla tieghu u marru l-Imsida wara li kienu xtraw u hadu xi droga flimkien. Minn hemmhekk Cutajar nizel mill-vettura tieghu, sgassa l-vann ta' Micallef, u ha diversi oggetti minnu u tefaghhom fil-vettura tieghu, fejn kien bil-qieghda l-imputat. Xehed ukoll l-istess Ivan Micallef li kkonferma li dakinhar hu qabad fil-fatt lil Cutajar jisraq mill-vann tieghu, u l-imputat kien fl-istess vettura u kien ser jitlaq minn fuq il-post b'zewg kaxxi ta' 'mobile phones' godda mohbija fil-basket tieghu.

Il-verzjoni li jaghti l-imputat hija ghal kollox inverosimili, jekk mhux kwazi impossibbli. L-imputat ighid li ma kienx jaf x'inhu jaghmel Cutajar, u x'hin ried jitlaq minn fuq il-post, ma ndunax li kellu zewg kaxxi fil-basket tieghu. Din il-verzjoni ma tistax titwemmen mill-Qorti. Ghalhekk l-imputat ser jinstab hati ta' komplicita' ta' serq. Kwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, jidher li l-imputat ma wettaq ebda hsara fuq il-vann ta' Micallef, u ma nstabet ebda sustanza projbita fuqu. Ghalhekk ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet mhux ser jinstab hati. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, giet esebita sentenza datata 6 ta' Novembru, 2014, li ghalhekk tipprova r-recidiva fil-konfront tieghu. Madankollu, il-Qorti hi tal-fehma li tista' ma tiehux provvediment f'dan ir-rigward, u ghalhekk il-piena mhix ser toghla bi grad jew tnejn. Tenut kont ta dan, il-Qorti xorta wahda hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 267, 271, 289 u 329 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Issibu hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**